

Brussell, 12 ta' Frar 2021
(OR. en)

6011/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0032(NLE)

MI 70
ECO 21
ENT 24
UNECE 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5982/21+ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Regolamenti tan-NU Nri 13, 13-H, 18, 30, 41, 46, 48, 53, 54, 67, 74, 75, 79, 86, 97, 98, 106, 107, 113, 116, 117, 118, 123, 124, 125, 141, 142, 148, 149, 150, 152, 154, 157 u għal Regolament tan-NU dwar reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Regolament Tekniku Globali Nru 9, il-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposti għal erba' Regolamenti ġodda tan-NU rigward ir-reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment, il-protezzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra l-użu mhux awtorizzat u l-approvazzjoni tal-apparat kontra l-użu mhux awtorizzat, l-approvazzjoni ta' immobilizzaturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tal-immobilizzatur tagħha, u l-approvazzjoni tas-sistema ta' allarm għall-vetturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' allarm tagħha, fir-rigward tal-proposta għal Riżoluzzjoni Reċiproka ġdida M.R.4, u fir-rigward tal-proposti għal dokumenti ta' interpretazzjoni għar-Regolamenti tan-NU Nri 155 u 156 - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fit-8 ta' Frar 2021.

2. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ġiet ippreżentata formalment u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fl-10 ta' Frar 2021, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.
3. Sabiex jiġi żgurat vot fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-UNECE, id-delegazzjonijiet qablu unanimament¹ dwar emenda waħda għat-test tal-Kummissjoni, sabiex it-test ikun jirrifletti eżattament il-paragrafi 11.2 - 11.4 tal-Proposta tal-UNECE għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU dwar ir-Reġistratur tad-Data f'Każ ta' Avveniment.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill li jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-testi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE kif jinsabu fid-dokumenti 5988/21 u 5991/21 wara l-finalizzazzjoni tagħhom mill-ġuristi lingwisti.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

¹ Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-emenda fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma.